MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 1061/2012

**Avv. Ian Vella Galea (Karta tal-Identita` Nru: 264779M) bhala mandatarju specjali ta` Antoine Hayem (Passaport Franciz Nru: 07CR88411)**

***kontra***

**Alistair Robert Clifford Tulloch (Passaport Ingliz Nru: 093237734), u b`nota pprezentata fl-4 ta` Marzu 2013 l-Avukat Dr. Christian Farrugia assuma l-atti tal-kawza bhala l-mandatarju specjali ta` Alistair Tulloch**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-<u>23 ta` Ottubru 2012</u> li jaqra hekk–

*1. ILLI r-rikorrent Antoine Hayem, flimkien mas-socjeta` APV Limited u Jean-Christophe Touret, iffurmaw is-socjeta` Maltija Privajet Holdings Ltd. (C46795) b`dan illi s-socjeta` APV Limited kellha l-maggoranza tal-ishma fl-istess socjeta` Privajet Holdings Ltd. u cioe` sitt mija erbgha u ghoxrin (624) ishma ordinarji filwaqt illi r-rikorrent Antoine Hayem kellu erba` mija tmienja u tletin (438) ishma ordinarji u Jean-Christophe Touret kellu mija u tmienja u tmenin (188) ishma ordinarji, kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A' ;*

*2. ILLI l-imsemmija socjeta` Privajet Holdings Ltd. hija azzjonista tal-ishma kollha hlief wiehed fis-socjeta` Maltija Privajet Limited (C46796) kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkata bhala Dok. 'B' ;*

*3. ILLI l-ghan tas-socjeta` Privajet Limited huwa illi tixtri, tbiegh, tpartat, tikri u taghmel negozju iehor relatat mal-aircrafts skont kif deskritt fil-Memorandum and Articles of Association tal-istess kumpannija m`hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'C' u ghaldaqstant inghatat licenzja biex topera f`dan is-sens mit-Transport Malta taht il-kontroll tal-European Joint Aviation Authority, kopja m`hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'D' ;*

*4. ILLI skont l-Artikolu 4(2) u 4(4) tar-Regolament tal-Kunsill Ewropew Numru: 2407/92 dwar licenzjar ta` air carriers, sabiex impriza tinghata licenzja minn Stat Membru :*

*" [...] l-impriza ghandha tkun il-proprjeta` u tibqa` l-proprjeta` direttament jew permezz ta` maggoranza ta` ishma, tal-Istati Membri u/jew cittadini tal-Istati Membri. Din ghandha f`kull hin tkun effettivament kontrollata minn dawk l-Istati jew dawk ic-cittadini.*

*Kull impriza li tippartecipa direttament jew indirettament f`kull kontrollar ta` pussess ta` ishma f`air carrier ghandha tosserva l-htigijiet tal-paragrafu 2."*

*5. ILLI meta giet iffurmata Privajet Holdings Ltd, permezz ta` numru ta` dokumenti (m`hawn annessi u mmarkati bhala Dok. 'E') l-intimat Alistair Robert Clifford Tulloch, li huwa d-direttur tas-socjeta` APV Limited, informa lir-rikorrent Antoine Hayem illi hu l-ultimate economic beneficiary tal-istess APV Limited ;*

*6. ILLI di piu` r-rikorrenti Antoine Hayem, fil-kapacita` tieghu ta` CEO ta` Privajet Holdings u Privajet Limited, talab u ottjena l-awtorizazzjoni necessarja minghand l-Awtoritajiet Amerikani sabiex Privajet Limited tkun approvata bhala operatur barrani taht ir-regolamenti tal-Federal Aviation Administration Part 129. Illi sabiex jottjeni l-awtorizzazzjoni msemmija, ai termini tas-sub-klawzola §211.20(e) tat-Titolu 14, Volum 4, Kap. II tal-Code of Federal Regulations, Privajet Limited kellha tipprovdi l-informazzjoni kollha rigwardanti l-final economic beneficiaries li ghandhom iktar minn hamsa fil-mija (5%) tal-ishma fl-istess socjeta` ;*

*7. ILLI ghalhekk ir-rikorrenti Antoine Hayem kiteb lill-intimat Alistair Robert Clifford Tulloch permezz ta` diversi ittri u emails (m`hawn annessi u mmarkati bhala Dok F) u talbu jikkonferma d-dettalji dwar l-ultimate economic beneficiaries tas-socjeta` APV Limited bhala azzjonista fis-socjeta` Privajet Holdings Limited ;*

*8. ILLI l-intimat Alistair Robert Clifford Tulloch kien evaziv hafna fir-risposta tieghu u baqa` ma pprovdiex id-dettalji u l-informazzjoni mitluba ;*

*9. ILLI minn informazzjoni fil-pussess tieghu, ir-rikorrent Antoine Hayem wasal ghal konkluzjoni illi l-ultimate economic beneficiary tas-socjeta` APV Limited ma kienx fil-fatt Alistair Robert Clifford Tulloch kif kien iddikjara u ta x`jifhem lill-azzjonisti kollha meta giet iffurmata l-kumpannija Privajet Holdings Limited izda kienet persuna ta` nazzjonalita` Russa ;*

*10. ILLI meta ra hekk, ir-rikorrenti Antoine Hayem irrealizza illi Privajet Limited kienet f`riskju serju u mminenti illi titlef il-licenzji taghha sabiex tkun tista` tkompli topera fil-qasam tal-aircrafts – fir-rigward tal-licenzja moghtija minn Transport Malta in kwantu wiehed mill-ultimate economic beneficiaries mhuwiex cittadin ta` pajjiz membru fl-Unjoni Ewropea ; u fir-rigward tal-awtorizazzjoni moghtija mill-Awtoritajiet Amerikani in kwantu l-informazzjoni moghtija fl-applikazzjoni ma kinitx korretta;*

*11. ILLI ghalhekk l-istess Antoine Hayem beda process mghaggel hafna u urgenti sabiex jittrasferixxi l-ishma tieghu fis-socjeta` Privajet Holdings Limited lil terzi ;*

*12. ILLI sabiex jaghmel dan huwa kellu jbiegh tali ishma bi prezz ferm anqas mill-prezz reali taghhom u per konsegwenza sofra danni ghal liema danni huwa responsabbli l-intimati ;*

*13. ILLI r-rikorrenti jaf b`dawn il-fatti personalment ;*

*14. ILLI ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*GHALDAQSTANT, in vista tas-suespost, ir-rikorrent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrent Antoine Hayem sofra danni b`kawza ta` l-agir tal-intimat kif fuq inghad ;*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat huwa responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrent ;*

*3. Tillikwida d-danni hekk sofferti mir-rikorrent okkorrendo bl-opra ta` periti nominandi ;*

*4. Tikkundanna lill-intimat ihallas id-danni hekk likwidati.*

*Bl-imghax u bl-ispejjez a karigu tal-intimat li hu minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fil-<u>21 ta` Dicembru 2012</u> li taqra hekk –

*1. Illi in linea preliminari, l-esponent jeccepixxi n-nuqqas ta` gurisdizzjoni ta` dina l-Onorabbli Qorti sabiex tisma` u tiddeciedi t-talba tar-rikorrent kif dedotta kontra l-intimat u dan ai termini tal-Artikolu 742 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll ai termini tar-Regolament tal-Unjoni Ewropeja Numru 44/2001. L-esponent ma huwiex cittadin Malti, ma huwiex prezenti f`Malta, ma huwiex residenti Malti u ma huwiex domiciljat Malta u in piu` l-allegat fatt ta` misrapprezentazzjoni, li qed jigi michud u kkontestat mill-esponent, u li allegatament ta lok ghad-danni mertu ta` din il-kawza, ma sehhx gewwa Malta.*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari, l-esponent intimat ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrent attur ghaliex tul l-ingagg tal-istess intimat bhala Segretarju tal-kumpannija APV Limited u fil-komunikazzjonijiet tieghu mar-rikorrent, l-esponent intimat kien qieghed jagixxi fil-kapacita` ta` fiducjarju ta` terza persuna, mhux ghar-rikorrent u wisq inqas fl-interess tal-istess rikorrent.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, it-talbiet rikorrenti fil-konfront tal-esponent intimat huma frivoli, invertieri u nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt. Tul in-negozjati u l-komunikazzjonijiet kollha tar-rikorrent mal-intimat in konnessjoni mal-partecipazzjoni ta` APV Limited fi Privajet Holdings Limited, ir-rikorrent kien ben konsapevoli illi l-intimat ma kienx il-proprjetarju beneficjarju ta` APV Limited u li l-istess intimat kien biss jokkupa r-rwol ta` segretarju tas-socjeta`. Dan il-fatt huwa korraborat permezz ta` evidenza dokumentarja li qed tigi sottomessa mar-risposta mahlufa odjerna u mmarkata Dok AT1 – Dok AT217 liema dokumentazzjoni qed issir ukoll riferenza ghaliha fid-dikjarazzjoni guramentata tal-intimat u li qed tigi annessa mar-Risposta Mahlufa odjerna u mmarkata Dok A. Inoltre, l-allegazzjoni tar-rikorrent fis-sens illi huwa kien kostrett ibiegh b`mod mghaggel l-azzjonijiet tieghu fis-socjeta` Privajet Holdings Limited bi prezz inferjuri ghall-valur tal-istess minhabba pressjoni u thassib li kien ser jigi kommess xi ksur ta` Regolament Ewropej fil-qasam tal-Avjazzjoni da parti ta` Privajet Limited jew il-“holding company” ta` Privajet Limited, hija allegazzjoni ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt.*

*4. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet suesposti, ir-rikorrent ma sofra ebda danni konsegwenza tal-bejgh tal-“equity interest” tal-istess rikorrent fis-socjeta` Privajet Holdings Limited. Anke li kieku teoretikament jigi assunt illi l-istess bejgh sarraf f`xi danni – liema allegazzjoni qed tigi kkontestata u michuda*

*b`mod kategoriku u ma hija sostnuta minn ebda evidenza – l-oneru tal-prova f`dan ir-rigward kif ukoll il-prova illi r-rikorrent ghamel l-ghan tieghu sabiex jimminimizza l-allegat telf finanzjarju, jinkombu esklussivament fuq l-istess rikorrent.*

*5. Illi l-esponent intimat qieghed jannetti bhala parti mir-risposta odjerna (Dok. A) dikjarazzjoni guramentata dwar il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri.*

*6. Illi ghaldaqstant u a bazi tas-suespost, it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-risposta guramentata.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta` Jannar 2013 fejn wara direzzjoni mill-Qorti u riferibbilment ghall-ewwel eccezzjoni, id-difensur tal-konvenut iddikjarat illi din il-Qorti m`ghandhiex gurisdizzjoni biex tisma` din il-kawza taht l-ebda wiehed mill-paragrafi (a) sa (g) tas-subinciz 1 tal-Art 742 tal-Kap 12. Inoltre hija eskluza wkoll il-gurisdizzjoni ta` din il-Qorti skond l-Art 2 sa 7 ta` Chap 2 ta` Sec 1 tar-Regolament 44/2001 tal-UE.

Rat illi fl-istess udjenza din il-Qorti dderigiet lill-partijiet biex iressqu provi biss dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta` Marzu 2013 fejn *inter alia* jinghad –

*Il-partijiet jaqblu illi l-konvenut Alistair Robert Clifford Tulloch la qatt kien residenti jew domiciljat Malta f'xi zmien, u lanqas hekk hu llum.*

*Billi ghad m'hemmx konvergenza bejn il-partijiet dwar jekk il-mandant tal-attur Antoine Hayem kienx qatt residenti jew domiciljat Malta f'xi zmien jew inkella huwiex residenti Malta llum, Dr Farrugia jixtieq jaghmel il-prova permezz ta' dokumenti illi fil-fatt hekk hu, u cioe' illi l-mandant tal-attur Antoine Hayem la qatt kien u lanqas huwa residenti jew domiciljat f'Malta.*

*Dr Farrugia qieghed jipprezenta bhala prova c-certifikat tar-registrazzjoni tas-socjeta' Privajet Holdings Limited, kif ukoll l-avviz ta' trasferiment ta' ishma fl-istess socjeta' datata 18 ta' Jannar 2010, u avviz ta' trasferiment tal-istess ishma mill-attur datat 4 ta' Lulju 2012. Ghal dan il-ghan qed jesebixxi dokument wiehed kompost minn erba' folji, immarkat DOK. CF1.*

*Dr Vella Galea jaghti ruhu b'notifikat bid-dokument, u filwaqt li jirriserva l-pozizzjoni tieghu ghar-rigward tal-mertu tal-istanza, mhux qieghed jinsisti fuq il-konferma bil-gurament tad-dokument, u ghalhekk l-istess dokument DOK. CF1 ghandu jitqies bhala prova f'din il-kawza.*

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li kienu skambjati bejn il-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tad-9 ta` Mejju 2013 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. L-ewwel eccezzjoni**

**L-ewwel eccezzjoni** taqra hekk –

*Illi in linea preliminari, l-esponent jeccepixxi n-nuqqas ta` gurisdizzjoni ta` dina l-Onorabbli Qorti sabiex tisma` u tiddeciedi t-talba tar-rikorrent kif dedotta kontra l-intimat u dan ai termini tal-Artikolu 742 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll ai termini tar-Regolament tal-Unjoni Ewropeja Numru 44/2001. L-esponent ma huwiex cittadin Malti, ma huwiex prezenti f`Malta, ma huwiex residenti Malti u ma huwiex domiciljat Malta u in piu` l-allegat fatt ta` misrapprezentazzjoni, li qed jigi michud u kkontestat mill-esponent, u li allegatament ta lok ghad-danni mertu ta` din il-kawza, ma sehhx gewwa Malta.*

Skond kif kien precizat mid-difensur tal-konvenut fl-udjenza tal-14 ta` Jannar 2013, l-ewwel eccezzjoni qeghda titressaq **<u>fl-ewwel lok</u>** abbazi tal-Art 742(1)(a) sa (g) tal-Kap 12, u **<u>fit-tieni lok</u>** abbazi tal-Art 2 sa 7 tat-Tieni Kap tal-Ewwel Sezzjoni tar-Regolament 44 tal-2001 tal-UE.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Dritt</u>**

**Id-disposizzjonijiet tal-ligi li huma <u>rilevanti</u> ghal dak li qieghed jigi deciz illum huma :-**

**1) <u>L-Art 742 tal-Kap 12</u>**

**<u>Is-subartikolu (1)</u>** jaqra hekk –

*Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi espressament xort'oħra, il-Qrati Ċivili ta' Malta mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ, għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u*

*jiddeċiedu l-kawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taħt imsemmija :*

*(a) ċittadini ta' Malta, sakemm ma jkunux stabbilew id-domiċilju tagħhom band'oħra ;*

*(b) kull persuna, sakemm jew għandha d-domiċilju tagħha jew tkun toqgħod jew tkun qegħda Malta ;*

*(ċ) kull persuna, f'kawża dwar ħwejjeġ li qegħdin jew li jinsabu f'Malta*

(*d*) *kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'Malta, iżda għall-kawżi biss li għandhom x'jaqsmu ma' dik l-obbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab Malta ;*

*(e) kull persuna illi, għalkemm tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'pajjiż ieħor, tkun ftehmet li għandha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni f'Malta, jew tkun ikkuntrattat obbligazzjoni illi bilfors għandu jkollha effett f'Malta, kemm-il darba, f'kull każ, dik il-persuna tkun tinsab Malta ;*

*(f) kull persuna, għal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur ċittadin ta' Malta jew persuna li tinsab Malta jew korp li jkollu personalità ġuridika distinta jew assoċjazzjoni ta' persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f'Malta, meta s-sentenza tista' tkun esegwita f'Malta ;*

*(g) kull persuna li tkun b'mod espress jew taċitu volontarjament qagħdet jew qablet li toqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-qorti.*

**<u>Is-subartikolu (6)</u>** jaqra hekk –

*Meta disposizzjoni issir taħt xi liġi oħra jew f'xi Regolament tal-Unjoni Ewropea fejn tintgħamel disposizzjoni differenti minn dik li tinsab f'dan l-artikolu, id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw dwar l-affarijiet li jaqgħu taħt dik id-disposizzjoni*

*l-oħra u għandhom biss japplikaw għal affarijiet li dwarhom dik id-disposizzjoni l-oħra ma tapplikax.*

**2) <u>Ir-Regolament 44 tal-2001 tal-UE</u>**

**<u>L-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Kap</u>** jaqra hekk –

*1. This Regulation shall apply in civil and commercial matters whatever the nature of the court or tribunal. It shall not extend, in particular, to revenue, customs or administrative matters.*

*2. The Regulation shall not apply to :*

*(a) the status or legal capacity of natural persons, rights in property arising out of a matrimonial relationship, wills and succession ;*

*(b) bankruptcy, proceedings relating to the winding-up of insolvent companies or other legal persons, judicial arrangements, compositions and analogous proceedings ;*

*(c) social security ;*

*(d) arbitration.*

Fit-**<u>Tieni Kap tal-Ewwel Sezzjoni</u>**, hemm l-artikoli citati mill-konvenut in sostenn tal-ewwel eccezzjoni.

Din il-Qorti sejra tirreferi ghal dawk biss minnhom li jistghu jkunu relatati direttament jew indirettament mal-qofol tal-kwistjoni bejn il-partijiet.

Jinghad hekk fl-**<u>Art 2</u>** –

*1. Subject to this Regulation, persons domiciled in a Member State shall, whatever their nationality, be sued in the courts of that Member State.*

*2. Persons who are not nationals of the Member State in which they are domiciled shall be governed by the rules of jurisdiction applicable to nationals of that State.*

Jinghad hekk fl-**Art 3** –

*1. Persons domiciled in a Member State may be sued in the courts of another Member State only by virtue of the rules set out in Sections 2 to 7 of this Chapter.*

*2. In particular the rules of national jurisdiction set out in Annex I shall not be applicable as against them.*

Jinghad hekk fl-**Art 4** –

*1. If the defendant is not domiciled in a Member State, the jurisdiction of the courts of each Member State shall, subject to Articles 22 and 23, be determined by the law of that Member State.*

*2. As against such a defendant, any person domiciled in a Member State may, whatever his nationality, avail himself in that State of the rules of jurisdiction there in force, and in particular those specified in Annex I, in the same way as the nationals of that State.*

Jinghad hekk fl-**Art 5 tat-Tieni Sezzjoni** –

*A person domiciled in a Member State may, in another Member State, be sued :*

*1. (a) in matters relating to a contract, in the courts for the place of performance of the obligation in question ;*

*…*

*3. in matters relating to tort, delict or quasi-delict, in the courts for the place where the harmful event occurred or may occur ;*

*4. as regards a civil claim for damages or restitution which is based on an act giving rise to criminal proceedings, in the court seised of those proceedings, to the extent that that court has jurisdiction under its own law to entertain civil proceedings ; …*

Billi l-gurisdizzjoni tal-Qrati hija trattata kemm fl-Art 742 tal-Kap 12 kif ukoll fid-disposizzjonijiet tar-Regolament Nru 44 / 2001 tal-EU, wiehed irid jara fejn u kif huma applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Kap 12 u fejn u kif japplikaw dawk tar-Regolament.

Propju din il-kwistjoni kienet trattata minn din il-Qorti diversament presjeduta (**PA/AL**) fis-sentenza taghha tal-20 ta` April 2012 fil-kawza "**Typeset Company Limited (17521) vs Is-socjeta` estera Norddeutsche Seekabelwerke GmbH**" (li minnha ma kienx hemm appell). Hemm il-kumpannija konvenuta tat zewg eccezzjonijiet dwar nuqqas ta` gurisdizzjoni tal-Qrati taghna il-gurisdizzjoni, li kienu decizi b`din is-sentenza. Fl-ewwel eccezzjoni kien eccepit in-nuqqas ta` gurisdizzjoni skond xi paragrafi tal-Art 742(1) tal-Kap 12 filwaqt fit-tieni eccezzjoni kien eccepit in-nuqqas ta` gurisdizzjoni skond l-Art 2(1) tar-Regolament 44 / 2001 tal-UE.

Il-Qorti qalet hekk –

*Illi l-Qorti tirrileva li l-igi kwotata mis-socjeta` konvenuta abbazi tal-ewwel eccezzjoni hija l-ligi generali tal-procedura adottata f`Malta u ghalhekk kwalunkwe*

*legislazzjoni specjali ghandha necessarjament tinghata precedenza u dan skond il-principju lex specialis derogat generalis.*

Il-Qorti kienet qeghda tqis ir-Regolament 44 / 2001 tal-UE bhala *lex specialis.*

Kompliet hekk –

*Apparti dan anke l-Artikolu 742(6) tal-Kap 12 stess jispecifika li …*

*u ghalhekk ma hemm ebda dubju dwar liema ligi ghandha tiehu precedenza.*

Din il-Qorti tikkondividi din il-linja ta` hsieb u tghid illi l-fatt li Qorti Maltija ma jkollhiex gurisdizzjoni skond l-Art 742 tal-Kap 12 ma jwarrabx il-possibilita` li jkollha gurisdizzjoni skond r-Regolament 44 / 2001 tal-UE.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Il-fatti</u>**

**Din il-Qorti sejra tillimita ruhha <u>biss</u> ghal dawk il-fatti li huma rilevanti ghall-ewwel eccezzjoni.**

Hemm **<u>qbil</u>** bejn il-partijiet dwar dawn il-fatti :-

1) Illi l-konvenut Tullock u l-attur Hayem ma humiex cittadini ta` Malta ;

2) Illi l-istess attur u konvenut ma humiex prezenti f`Malta ;

3) Illi ma humiex residenti f`Malta ;

4) Illi lanqas ma humiex domiciljati go Malta ;

5) Illi Privajet Holdings Limited u Privajet Limited huma zewg kumpanniji registrati f`Malta.

6) Illi t-trasferiment tal-ishma mill-attur Hayem sar barra minn Malta.

**Ikkunsidrat :**

**IV. Il-vertenza**

**Ghalkemm il-fatti fil-mertu huma kontestati, hemm qbil bejn il-partijiet illi dik attrici hija azzjoni ghal danni illi Hayem jallega illi garrab tort ta` informazzjoni skorretta u qarrieqa (kliem l-attur fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu) imputabbli lill-konvenut Tulloch.**

**Bejn il-partijiet ma hemmx qbil dwar il-post fejn skaturiet il-kawza li wasslet ghad-danni attrici.**

**Ikkunsidrat :**

**V. Risultanzi**

**i) L-Art 742(1) tal-Kap 12**

Fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, il-konvenut Tulloch ifisser ghaliex il-Qorti m`ghandhiex gurisdizzjoni biex tiehu konjizzjoni tal-azzjoni attrici taht l-ebda wiehed mill-paragrafi (a) sa (g) tas-subartikolu 1. A skans ta`

ripetizzjoni, il-Qorti taghmel riferenza ghall-argumenti li tressqu fil-kaz ta` kull paragrafu.

Min-naha l-ohra, fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu, l-attur Hayem isostni li l-Qorti ghandha gurisdizzjoni skond **il-paragrafu (c).**

Wara li wiznet l-argumenti taz-zewg nahat, fl-isfond tal-gurisprudenza citata miz-zewg partijiet in sostenn tat-tezi taghhom, din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-fehma ta` l-attur illi l-kwistjoni li ghandha quddiemha tittratta dwar *hwejjeg li qeghdin jew li jinsabu f`Malta* kif jghid **il-paragrafu (c)**.

Il-kawzali tal-azzjoni attrici huwa l-allegat agir *ex delicto* jew *quasi delicto* tal-konvenut, kif deskritt b`dettall mill-attur. Skond Hayem, kien dak l-agir tal-konvenut illi gieghlu, ghar-ragunijiet illi semma, biex jittrasferixxi l-ishma li kellu bl-ghagla bil-konsegwenza li tilef mill-valur taghhom u kwindi garrab danni.

**Mela l-pern tal-azzjoni attrici mhijiex l-ishma fil-kumpannija Privajet Holdings Limited izda l-imgieba tal-konvenut. Infatti Tulloch la jikkontesta li Hayem kellu ishma u lanqas li ttrasferihom. Li qed jikkontesta Tulloch huwa illi t-trasferiment tal-ishma ma kienx dovut ghal nuqqas jew tort da parti tieghu. Ghal din il-Qorti huwa ghal kollox insostenibbli l-argument li gab `il quddiem Hayem fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu illi ghax kien hemm involut trasferiment ta` ishma f`socjeta` registrata f`Malta allura hemm gurisdizzjoni skond il-paragrafu (c) u dan billi l-Qorti mhijiex mitluba tippronunzja ruhha propju xejn dwar l-ishma izda biss dwar l-imgieba ta` Tulloch u l-konsegwenzi li dik l-imgieba, allegatament dannuza, ikkagunat lil Hayem.**

In kwantu ghall-gurisprudenza citata, din il-Qorti sejra tillimita ruhha ghal dik citata mill-attur u tirrileva :

Ghar-ghar-rigward tal-kawza "**<u>Mehmet Serdar Koca vs Dr. Simon Micallef Stafrace noe et</u>**" illi fin-nota ta` osservazzjonijiet attrici kien citat estratt mis-sentenza **<u>fl-ewwel istanza</u>** (u cioe` dik tat-12 ta` Mejju 2011).

Ghall-korrettezza, l-attur noe ma kienx messu waqaf hemm ghaliex il-**<u>Qorti tal-Appell</u>** fis-sentenza taghha tad-9 ta` Novembru 2012 **<u>irrevokat</u>** is-sentenza tat-12 ta` Mejju 2011.

Rilevanti ferm huwa dak li qalet il-Qorti tal-Appell dwar l-Art 742(1)(c) meta ddikjarat illi ma kellhiex gurisdizzjoni tisma` u tiddeciedi l-kawza fejn l-attur talab dikjarazzjoni mill-Qorti illi l-konvenuti *in solidum* bejniethom, bi frodi u misapproprijazzjoni, dawwru ghalihom infushom flus ta` haddiehor u fejn talab il-kundanna tal-konvenuti in solidum bejniethom ghall-hlas lura tal-flus :

*… kif intqal mill-Qorti tal- Kummerc fil-kawza Manduca noe v. Chetcuti noe, deciza fil-25 ta' Frar 1993, ghalkemm dan il-motiv ta' gurisdizzjoni jkun applikabbli l-aktar meta l-oggett tal-kawza jkun immobbli sitwat hawn Malta, pero` jista' jkun il-kaz ukoll ta' mobbli, izda jehtieg li dak l-oggett li jkun jinsab Malta jkun "innifsu l-meritu tal-kawza".*

*Hekk ukoll fil-kawza Scicluna v. Carbone, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-29 ta' Novembru 1884, intqal li "la parola 'cosa' nel suo piu' ampio significato e' tutto cio' che ha un valore di scambio, e, per essere piu' comprensivo, la legge si e' riferita a cose non solo situate, ma quelle semplicemente esistenti onde sono comprese non solo le cose materiali, o cose diconsi corporali, ma pure le cose immateriali che non si percepiscono da sensi ma hanno una esistenza intelletuale, come sarebbero un*

*avviamento, un credito, o una publica estimazione di un commerciante, i titoli, i cheques per le cose che rappresentano, le obbligazioni e simili" (ara wkoll, Xuereb v. Brincat, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-11 ta' Gunju 1979).*

*Jigifieri li biex tigi radikata l-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin, jehtieg li l-kawza tkun dwar l-oggett innifsu li jinsab hawn Malta, u ma hemmx gurisdizzjoni a bazi tal-fatt biss li l-oggett li jinsab hawn Malta jkun jista' jintuza ghall-ezekuzzjoni ta' sentenza li tinghata hawn Malta, izda li l-meritu taghha jipprexxindi mill-oggett li jkun jinstab hawn Malta. Hekk, fil-kawza Manduca noe v. Chetcuti noe, aktar qabel imsemmija ntqal ukoll illi :*

*"Irid jigi rilevat li ghalkemm jezisti depozitu bankarju f'Malta li jidher li gie sekwestrat mill-attur 'ad fundandam jurisdictionem' u li ghalhekk tezisti l-potenzjalita` ta' esekuzzjoni effettiva (ghalkemm in parti) ta' eventwali sentenza ta' dawn il-Qrati, pero` dan il-fatt wahdu ma jirradikax il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti."*

Ghar-rigward tal-kawza **"Halida Kuduzovic noe vs Medfinco Limited pro et noe"**, din il-Qorti tghid illi dak il-pronunzjament ma jistax jigi nvokat b`success fil-kawza tal-lum ghaliex il-mertu hemm kien ghal kollox divers minn dak tal-lum. Hemm il-kawzali u t-talbiet kienu centrati kollha kemm huma dwar aspetti patrimonjali konnessi ma` ishma ta` kumpannija registrata f`Malta li mhuwiex il-kaz tal-lum.

**Din il-Qorti qeghda tilqa` l-ewwel eccezzjoni fejn din tirrigwarda n-nuqqas ta` gurisdizzjoni ta` din il-Qorti skond l-Art 742 tal-Kap 12.**

**ii) Regolament 44 / 2001 tal-EU**

Din il-legislazzjoni li taghmel parti mill-*corpus juris* taghna tapplika ghall-mertu ta` din il-kawza billi l-kwistjoni ta` bejn il-partijiet tikkwalifika bhala *civil matter* u mhijiex materja li hija eskluza mill-operat tar-Regolament.

Dan premess, ir-Regolament, **hlief** ghal fejn jipprovdi diversament, **jesigi** (ara l-uzu ta` *shall* fl-**Art 2**) illi *persons domiciled in a Member State shall, whatever their nationality, be sued in the courts of that Member State.* Mela r-regola hija li ladarba l-konvenut huwa domiciljat ir-Renju Unit, huwa kellu jigi mharrek fil-Qrati tar-Renju Unit. Minflok fil-kaz tal-lum, il-kawza kienet istitwita kontra tieghu f`Malta ghalkemm mhuwiex domiciljat f`Malta.

L-**Art 3** jippermetti (ara l-uzu ta` *may*) illi *persons domiciled in a Member State* jitharrku *in the courts of another Member State* pero` skond regoli li jipprovdi r-Regolament stess.

Dawn ir-regoli huma dawk *set out in Sections 2 to 7 of this Chapter* [ara l-**Art 3(1)**].

Il-First Chamber tal-ECJ fis-sentenza tat-12 ta` Ottubru 2008 fil-kawza "**Nicole Hassett vs South Eastern Health Board and Cheryl Doherty vs North Western Health Board"** qal hekk **–**

*… jurisdiction based on the defendant's domicile – in accordance with the general rule –* ***must always be available, save in a few well defined situations*** *in which the subject matter of the litigation or the autonomy of the parties warrants a different linking factor.* ***Such situations must accordingly be interpreted strictly****.*

Wahda mir-regoli fejn *persons domiciled in a Member State may be sued in the Courts of another Member State* huwa l-**Art 5(3)** tar-Regolament fejn *in*

*matters relating to tort, delict or quasi-delict* (u l-mertu tal-kaz tal-lum jaqa` taht din il-kategorija kif jaccettaw il-partijiet stess) il-persuna titharrek *in the place where the harmful event occurred or may occur.*

Fin-noti ta` osservazzjonijiet taghhom, il-partijiet ghamlu riferenza mifruxa u dettaljata ghall-gurisprudenza tal-Qrati taghna u dawk tal-UE dwar l-interpretazzjoni tal-Art 5(3). Kull ma kien citat imiss xi ftit jew wisq il-kwistjoni u ghalhekk din il-Qorti qeghda taghmel riferenza ghal dik il-gurisprudenza a skans ta` ripetizzjoni.

Li sejra taghmel il-Qorti huwa li, minghajr ma tidhol f`apprezzament li jolqot il-mertu tal-kawza, taghmel riferenza ghal fatti li ssollevaw il-partijiet fin-noti ta` osservazzjonijiet taghhom u li huma attinenti ghall-kwistjoni li qeghda tkun deciza llum.

Fin-nota tieghu, il-konvenut jghid illi din il-Qorti m`ghandhiex gurisdizzjoni ghaliex *jirrizulta li kemm l-allegata mizrapprezentazzjoni mill-intimat – prezenti u residenti l-Ingilterra – kif ukoll l-effett dannuz ghall-intimat residenti barra minn xtutna emergenti mill-istess, m`ghandhomx konnessjoni ma` Malta.*

Fin-nota tieghu, l-attur isostni illi *l-azzjoni dannuza sehhet hawn Malta fil-mument meta s-socjeta` Maltija Privajet Holdings Limited irceviet l-informazzjoni skorretta u qarrieqa koncernanti l-azzjonist maggoritarju taghha u wisq aktar l-azzjoni dannuza sehhet hawn Malta meta din l-informazzjoni skorretta u qarrieqa (li kif gia nghad inghata mill-intimat) giet moghtija mis-socjeta` Maltija Privajet Limited in bona fide lill-awtoritajiet ikkoncernati, fosthom Transport Malta, sabiex tottjeni l-licenzja mehtiega ghall-operat taghha. Huwa a bazi ta` din l-informazzjoni (li sussegwentement irrizultat skorretta u qarrieqa) li s-socjeta` Maltija Privajet Limited ottjeniet il-licenzji relattivi ghall-operat taghha, fosthom hawn Malta*

*mill-awtoritajiet Maltija u per konsegwenza huwa b`rizultat tal-istess informazzjoni skorretta u qarrieqa li l-istess socjeta` Maltija kienet f`riskju serju li titlef il-licenzji taghha. Ghalhekk l-azzjoni dannuza skattat hawn Malta.*

Wara li hadet konjizzjoni tal-atti, din il-Qorti – terga` tghid – <u>bla ma</u> <u>tidhol minimament fil-mertu tal-vertenza bejn il-partijiet</u> – hija tal-fehma illi ghandha gurisdizzjoni tisma` u tiddeciedi din il-kawza ghaliex abbazi tal-Art 5(3) tar-Regolament *the harmful event* (bl-interpretazzjoni li tat il-gurisprudenza lil din il-frazi) grat go Malta u kwindi huma dawn il-Qrati li ghandhom gurisdizzjoni.

Din il-Qorti hija edotta minn dak illi jghid ir-Regolament 2407 / 1992 tal-UE in partikolari l-obbligi li jgorr mieghu. Tifhem ukoll l-obbligi <u>partikolari</u> li kellu l-konvenut bhala direttur ta` APV Limited, azzjonista ta` maggoranza ta` Privajet Holdings Ltd., specjalment meta giet biex tkun iffurmata l-kumpannija Privajet Limited bl-operat li kien mahsub ghaliha. Ic-cittadinanza tal-azzjonisti l-ohra – in minoranza – kienet maghrufa. Dwar ic-cittadinanza tas-sidien effettivi ta` l-azzjonista ta` maggoranza, kollox kien jiddependi mill-konvenut. U li kollox kien skond ir-Regolament, kien impenn li ghamel il-konvenut fil-formazzjoni tal-*holding company* u tal-kumpannija l-ohra taht il-ligijiet Maltin.

Il-mertu tat-taghrif moghti mhuwiex il-pern ta` din is-sentenza. Dak li huwa rilevanti ghall-fini tal-pronunzjament tal-lum huwa li Malta kienet il-gurisdizzjoni li kienet qeghda tirregola l-formazzjoni tal-*holding company* u tal-kumpannija l-ohra. Il-progress fl-operat taz-zewg kumpanniji kien jiddependi hafna mit-taghrif moghti mill-konvenut ghax kien qieghed jidher ghall-azzjonista ta` maggoranza tal-*holding company*, u dak it-taghrif kien vitali ghal dawk l-awtoritajiet Maltin li kienu responsabbli ghall-hrug ta` licenzi jew permessi.

Jekk naqas il-konvenut, dak irid jigi ppruvat fil-mertu pero` hija din il-Qorti li ghandha l-gurisdizzjoni li tistabilixxi l-fondatezza tal-pretensjonijiet attrici ghaliex it-taghrif li pprovda l-konvenut sewa go Malta biex wassal ghall-formazzjoni tal-kumpanniji u ghall-mezzi li tawhom l-awtoritajiet Maltin biex joperaw abbazi tat-taghrif moghti mill-konvenut. *Dak* huwa l-fulkru tal-kwistjoni tal-gurisdizzjoni ; materji ohrajn sollevati specjalment mill-konvenut m`ghandhomx piz jew rilevanza.

**Sodisfatt l-Art 5(3) din il-Qorti ssostni li ghandha gurisdizzjoni li tisma` u tiddeciedi din il-kawza.**

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tiddeciedi dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut billi tiddikjara illi filwaqt illi m`ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma` u tiddeciedi din il-kawza abbazi ta` l-Art 742 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, hija ghandha gurisdizzjoni biex tisma` u tiddeciedi din il-kawza abbazi tar-Regolament 44 / 2001 tal-Unjoni Ewropeja. Ghalhekk qeghda tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

**L-ispejjez ta` dan il-provvediment jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------